



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11601/24

PHYTOSAN 166
VETER 87
AGRI 542

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11022/24 INIT + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kofinanzjament tal-Unjoni ta' programmi fitosanitarji u veterinarji u miżuri ta' emerġenza

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kofinanzjament tal-Unjoni ta' programmi fitosanitarji u veterinarji u miżuri ta' emerġenza, approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-4037 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kofinanzjament tal-Unjoni ta' programmi fitosanitarji u veterinarji u miżuri ta' emerġenza

1. Il-Programm tas-Suq Uniku huwa l-istrument finanzjarju tal-Unjoni biex jappoġġa azzjonijiet fl-Istati Membri biex jiżguraw, fost affarijiet oħra, livell għoli ta' saħħa tal-annimali u tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea. Matul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri ġew ikkonfrontati b'rata sostanzjalment imnaqqsa ta' kofinanzjament tal-Unjoni alllokata għall-programmi ta' kontroll veterinarju u fitosanitarju u ta' qerda meta mqabbla mas-snin preċedenti. Dan tqies mill-Istati Membri bħala li jaffettwa l-ilħuq tal-oġġettivi politiċi tal-Unjoni fir-rigward ta' livell għoli ta' saħħa tal-annimali u tal-pjanti.
2. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Belġjana impenjat ruħha li tivvaluta l-impatt tat-tnaqqis f'dak il-kofinanzjament, ikkombinat maż-żieda ġenerali fil-kostijiet f'dawn l-aħħar snin, abbażi ta' kwestjonarji indirizzati lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Annimali u Kwistjonijiet Veterinarji (Uffiċjali Kapijiet Veterinarji) u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pjanti u Kwistjonijiet tas-Saħħa tal-Pjanti (Uffiċjali Kapijiet fil-Qasam tas-Saħħa tal-Pjanti).
3. L-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fl-Anness ta' din in-nota huwa bbażat fuq l-eżiti ta' daww il-kwestjonarji u d-diskussjonijiet sussegwenti miż-żewġ Gruppi ta' Ħidma msemmija hawn fuq u rċieva l-appoġġ tad-delegazzjonijiet kollha fil-livell tal-Grupp ta' Hidma¹.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa mistieden:
 - a) jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota,
 - b) jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

¹ Laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés (AGRI – Veterinarji, Fitosanitarji) fl-10 ta' Ġunju 2024 segwita minn konsultazzjoni informali (WK 8338/2024).

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JENFASIZZA li ż-żamma ta' livell għoli ta' saħħa tal-annimali u saħħa tal-pjanti hija vitali għall-Unjoni peress li din taqdi rwol ewlieni fis-saħħa tal-bniedem, fis-sigurtà u fis-sikurezza tal-ikel, fil-bijodiversità u fil-prosperità ekonomika tal-Unjoni.
2. FILWAQT LI JISĦAQ li l-appoġġ għas-saħħa tal-pjanti u għas-saħħa tal-annimali huwa kruċjali għas-settur agrikolu u FILWAQT LI JENFASIZZA li ġestjoni effettiva tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, li tinkludi miżuri ta' sorveljanza u ta' qerda, hija essenzjali għall-iżgurar tas-sikurezza tal-importazzjonijiet u s-suq intern u għas-salvagwardja tal-esportazzjonijiet.
3. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li t-theddida akbar mill-pesti tal-pjanti u mill-mard tal-annimali li tirriżulta mill-movimenti tal-passiġġieri, it-tibdil fil-klima u kummerċ dinji li qed jikber b'mod kostanti żżid ir-riskju ta' effetti negattiv fuq is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa tal-annimali.
4. FILWAQT LI JISĦAQ li l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija ta' tifqigħat possibbli ta' pesti tal-pjanti u mard tal-annimali huma tal-akbar importanza, peress li l-miżuri ta' qerda huma assoċjati ma' kostijiet oġhla, inkluż kostijiet finanzjarji u kostijiet relatati mal-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, l-ekosistemi, is-soċjetà u impatt negattiv fuq il-perċezzjoni pubblika.
5. FILWAQT LI JFAKKAR li r-rata ta' kofinanzjament annwali tal-Unjoni għall-programmi fitosanitarji u veterinarji u l-miżuri ta' emerġenza tnaqqset b'60 % għall-perjodu mill-2023 sal-2027, bħala konsegwenza tal-fatt li l-baġit li qabel kien allokat għal tali programmi ġie riallokat biex jiġu indirizzati kriżijiet sanitarji mhux previsti.

6. FILWAQT LI JENFASIZZA li t-tnaqqis fl-ambitu (pesti/mard eleġibbli) u r-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni, flimkien maż-żieda fil-kostijiet, affettwaw il-kapaċità tas-servizzi fitosanitarji u veterinarji li jimplimentaw sorveljanza effettiva biex jintlaħqu l-oġettivi ta' prevenzjoni u identifikazzjoni bikrija.
7. FILWAQT LI JINDIKA l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta, pereżempju, mill-ġestjoni tal-għotjiet ta' kofinanzjament tal-Unjoni, li tassorbi parti saħansitra aktar sproporzjonata tal-ammont tal-għotja minħabba r-rata mnaqqsa ta' kofinanzjament tal-Unjoni.
8. FILWAQT LI JENFASIZZA li huwa kruċjali li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għad-dispożizzjoni tagħhom biex iwettqu l-kompiti meħtieġa, b'kont meħud tal-firxa wiesgħa u l-kumplessità tal-kompiti fl-oqsma tas-saħħa tal-pjanti u s-saħħa tal-annimali f'approċċ "saħħa waħda".

Saħħa tal-pjanti

9. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li għandu l-għan li jipprevjeni l-pesti ta' kwarantina u pesti tal-pjanti ġodda milli jidħlu u jinxterdu fl-UE.
10. JENFASIZZA li l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija ta' tifqigħat possibbli ta' pesti tal-pjanti huma tal-akbar importanza, b'mod partikolari fir-rigward tal-pesti ta' prijarità li jippreżentaw l-aktar theddid ekonomiku, ambjentali u soċjali serju għall-pajjiżi tal-UE.
11. JENFASIZZA WKOLL li s-sorveljanza u l-ġestjoni ta' tifqigħat tal-pesti tal-pjanti ta' kwarantina huma partikolarment ta' sfida u kumplessi ferm minħabba li dawn ikopru madwar 400 pest ta' kwarantina u gruppi ta' pesti fl-Unjoni fuq firxa wiesgħa ta' speċijiet tal-pjanti u prodotti tal-pjanti f'varjetà kbira ta' ambjenti (foresti, żoni agrikoli u urbani).

12. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni tar-reġim il-ġdid tas-saħħa tal-pjanti gābet magħha żieda sostanzjali fil-kompiti u fl-ammont ta' xogħol għall-Istati Membri, speċjalment fir-rigward tal-miżuri ta' sorveljanza u ta' qerda.
13. JIRRIMARKA li l-kofinanzjament tal-Unjoni għal programmi fitosanitarji u miżuri ta' emerġenza huwa parti essenzjali mir-reġim il-ġdid tas-saħħa tal-pjanti u l-Programm tas-Suq Uniku u huwa element indispensabbli biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħhom.
14. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-implimentazzjoni ta' sħarriġiet kwalitattivi u kwantitattivi dwar il-pesti tal-pjanti, b'mod partikolari għall-pesti ta' prijorità, f'dan ir-rigward, u HUWA MĦASSEB MAFNA li l-impatt tat-tnaqqis fl-ambitu u r-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni diġà qed jinħass u jista' jipperikola l-oġġettivi ta' detezzjoni bikrija u li l-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġislazzjoni u l-programmi attwali dwar is-saħħa tal-pjanti jsir aktar diffiċli.
15. JENFASIZZA li l-appoġġ għas-saħħa tal-pjanti jikkostitwixxi wkoll appoġġ għas-settur agrikolu, peress li jelimina jew inaqqas il-ħtieġa li jiġu miġġielda aktar pesti ġodda jew pesti ta' kwarantina, u dan jippermetti lill-bdiewa jimplementaw aħjar il-ġestjoni integrata tal-pesti.

Saħħa tal-annimali

16. IFAKKAR li l-mekkaniżmu għall-kofinanzjament ta' programmi veterinarji u miżuri ta' emerġenza ilu fis-seħħ għal ħafna snin u wera s-siwi tiegħu, peress li ntuża biex jinqered għadd ta' mard f'diversi Stati Membri u biex tittejjeb is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' ħafna mard ieħor.
17. JENFASIZZA li ż-żamma ta' livell għoli ta' saħħa tal-annimali hija għan importanti għall-UE peress li din taqdi rwol sinifikanti fis-saħħa tal-bniedem, permezz tal-ġlieda kontra l-mard zoonotiku, it-titjib tas-sikurezza tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll permezz ta' ħtieġa mnaqqsa ta' trattament bl-antimikrobiċi u b'hekk ikun hemm riskju mnaqqas ta' reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR).

18. JINNOTA li t-tnaqqis fl-ambitu u r-rata ta' kofinanzjament diġà affettwa l-ilħuq ta' livell għoli ta' saħħa tal-annimali f'xi Stati Membri peress li ttrasferixxa kostijiet addizzjonali fuq il-bdiewa u l-awtoritajiet kompetenti, u gēgħelhom jipprijoritizzaw mill-ġdid il-programmi tas-saħħa tal-annimali, u JIRRIKONOXXI li tqiegħdet ukoll taħt pressjoni l-kapaċità ta' xi Stati Membri li jipprevjenu u jikkontrollaw mard ieħor għajr dak li jappartjeni għall-kategoriji A u B.
19. JIRRIKONOXXI li l-Istati Membri kollha jistennew impatt negattiv saħansitra akbar fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali fil-futur.
20. ITENNI t-tħassib tiegħu dwar l-ammont ta' xogħol u l-piż amministrattiv attwali għall-Istati Membri.
21. JENFASIZZA BIL-QAWWA li minħabba r-riskju li ma jkunx jista' jiġi pprovdut finanzjament xieraq, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni u l-programmi attwali dwar is-saħħa tal-annimali jsir aktar diffiċli, u JENFASIZZA li dan jista' jirriżulta f'uniformità mnaqqsa tas-saħħa tal-annimali madwar l-UE.

GĦALHEKK, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tirrispetta l-limiti massimi fil-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni[...], tirrifletti fuq livell u mod ta' finanzjament ta' programmi fitosanitarji u veterinarji u miżuri ta' emerġenza li:
- a) ikunu proporzjonati mar-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-reġim tas-saħħa tal-pjanti u tas-saħħa tal-annimali;
 - b) jipprovdu wkoll biżżejjed flessibbiltà biex jitqiesu sitwazzjonijiet ta' kriżi li jirriżultaw minn tifqigħat għal għarrieda ta' pesti tal-pjanti u mard tal-annimali;
 - c) iqisu[...]ż-żieda sinifikanti rappurtata fil-kostijiet tal-persunal u l-analiżijiet tal-laboratorju.

23. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea tesplora modi kif ittejjeb il-ġestjoni tal-programmi fitosanitarji u veterinarji u l-miżuri ta' emerġenza kofinanzjati mill-Unjoni taħt il-Programm tas-Suq Uniku (il-fergħa tal-katina alimentari), u tnaqqas il-piż amministrattiv, speċjalment billi:
- a) tallinja l-proċedura ta' applikazzjoni għall-ġhotjiet ta' kofinanzjament tal-Unjoni mar-rekwiżiti l-oħra ta' rapportar;
 - b) tiskrutinizza b'mod kritiku, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' applikazzjoni għall-ġhotjiet ta' kofinanzjament mill-Unjoni, sabiex jitnaqqas il-livell ta' dettalji ta' dik l-informazzjoni u jittejjeb l-allinjament tagħha mal-prattika;
 - c) tiżgura komunikazzjoni f'waqtha ta' bidliet fis-sistema, u ta' bidliet potenzjali fil-baġit;
 - d) tissimplifika l-proċess ta' din il-parti tal-kofinanzjament tal-Unjoni, pereżempju billi l-pjattaforma tal-applikazzjoni ssir aktar faċli għall-utent u billi jiġu stabbiliti linji gwida kompluti u faċilment aċċessibbli, filwaqt li jitqies li dan il-proċess japplika għal ġhotjiet diretti lill-Istati Membri għall-kuntrarju ta' ftehimiet ta' ġhotja allokati lil entitajiet kompetituri.
24. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jkomplu jesploraw mezzi ta' kooperazzjoni aktar effiċjenti u mmirati bejn l-Istati Membri biex tiżdied l-effiċjenza fil-miżuri ta' prevenzjoni tal-pesti tal-pjanti u tal-mard tal-annimali, pereżempju billi jiġu implimentati politiki komuni ta' tilqim għas-saħħa tal-annimali jew billi titrawwem kollaborazzjoni fis-sorveljanza bejn l-Istati Membri għas-saħħa tal-pjanti, u jżidu l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-qerda u l-konteniment tagħhom.
-